MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2007

Numru. 1319/2007

Il-Pulizija
(spetturi MarioTonna u Nezren Grixti )
`vs
Carmelo Farrugia ID 209060 M

Kumpilazzjoni 1319/2007

Illum 20 ta' Ottubru 2007

IL-QORTI

Rat l-akkuza migjuba mill-pulizija kontra Carmelo Farrugia ID 209060M u dan talli b'diversi atti b'rizoluzzjoni wahda, anke jekk f'hinijiet u postijiet differenti kemm gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun fil-lejl ta' bejn id-19 ta' Ottubru 2007 u l-20 ta' Ottubru 2007:
1. Bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi hebb, ikkommetta, attakka, jew ghamel rezistenza bi

vjolenza jew b'hebb li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe fuq il-persuni ta PS 1141 N Tanti, PC 99 Portelli u PC 1052 B Tonna u diversi ufficjali tal-pulizija ohra filwaqt li kienu qed jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

2. Fl-istess lok hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offizi fuq i-persuni ta' PS 1141 N Tanti, PC 99 M Portelli u PC 1052 B Tonna u diversi ufficjali ohra tal-pulizija, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezzghhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz.

3. Fl-istess hin gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun taht l-istess cirkostanzi, ikkaguna griehi hfief fuq il-persuni ta' PS 1141 N Tanti u PC 99 M Portelli kif iccertifikaw Dr John Cutajar MD u Dr Uanita Agius MD tal-isptar san Luqa.

4. Gewwa l-ghassa tal-Hamrun, bil-hsieb li jtellef il-gieh jew inaqqas il-gieh tal-ufficjali tal-pulizija imsemmija fl-akkuzi hawn fuq citati, bil kitba, b'disinji jew b'mod iehor, immalafahom.

5. Fl-istess lok, hin u cirkostanzi hedded lill-istess ufficjali pubblici bi kliem;

6. Fl-istess lok, hin u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija ezekuttiva;

7. Fl-istess lok, hin u cirkostanzi, qal kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha;

8. Fl-istess lok, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblia b'ghajjat u glied.

9. Fl-istess hinijet u dati, fil-Birgu u fil-Hamrun u f'diversi postijiet ohra gewwa l-gzejjer maltin, saq vettura GBE 209 u f'postijiet pubblici, minghajr ma kien fi stat li jsuq minhabba li i kien taht l-influwenza ta' xorb alkoholiku jew wara li kkunsma xorb alkoholiku.

10.Fl-istess hinijiet u dati gewwa l-Kwartieri Generali tal-pulizija, irrifjuta li jaghti kampjun tan-nifs ghal test tan-nifs meta mehtieg li jaghmel hekk, skond u wara li gie avzat u ghalhekk ikkunsidrat li kkommetta reat.

11. B'diversi atti maghmulin b'rizoluzzjoni wahda anke jekk f'hinijet u postijiet differneti bejn il-15 ta' Ottubru 2007

u id-19 ta' Ottubru 2007 hedded lill-sitess Oscar Briffa ID 384586M minn santa Venera bi kliem anke jekk b'diversi mezzi ohra.

Rat il-kunses tal-akkuzat biex dan il-kaz jigi ggudikat minn din il-Qorti;
Semghet lill-akkuzat, minn jeddu u fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, jammettti l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu;
Rat dak verbalizzat mill-prosekuzzjoni;
Issib lill-akkuzat hati talli

Rat l-artikoli:
1) 92 u 96 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2) 92, 95 u 18 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
3) 221 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
4) 252 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
5) 338 (e) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
6) 338 (ee) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
7) 338 (dd) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
8) 342 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
9) 15(A) u 15(B) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
10) 15 (D) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
11) 338 (e) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

In rigward piena;
Wara li l-Qorti kkunsidrat ic-cirkostanzi kollha tal-akz u l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imakkzuat li sallum kellu kondotta tajba tara li ghandha tapplika l-artikolu 28A tal-Kodici Kdrrimainli;
Tikkundanna lill-akkuzat ghal piena ta' prigunerija komplessiva ta' sitt (6) xhur prigunerija liema piena hi sospiza ghal -perjodu ta; sentejn bil-kundizzjoni il l-akzat ma jikkommetid reat iehoer suggettt ghal prigunerija fi zmien sentejn milum.
In oltre, il-Qorti tordna li l-akkuzat jiffirma obligazzjoni ghaz-zamma tal-bon ordni u paci pubblika favur
, li kif inghad mid-difiza tal-akkuzata, li hi ser taghmel tajjeb ghal hsarat kollha kagunati lil parti lesa, kif ukoll rat il-kondotta sallum nadifa tal-istess akkuzata.

Tikkunsidra lill-akkuzata bhala ‘a first time offender’ u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’
Malta

Tordna li l-akkuzata tigi liberata bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor fi zmien sena millum.

In oltre b’applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali tordna lill-akkuzata tiffirma garanzija ghal bon ordni u paci pubblika favur Oscar Briffa, Evelyn Birffa, Lorraine Cilia u Evano Briffa taht penali ta’ mitt lira maltin (LM100.00) u dan ghal zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------